**QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**IMĦALLFIN**

**Onor. Prim Imħallef Dr. Mark Chetcuti LL.D.**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum l-Erbgħa, 22 ta' Settembru, 2021**

**Att ta` l-Akkuża Nru. 14/2018**

**Ir-Repubblika ta` Malta**

**vs**

**Jonathan Roger Portelli**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta'l-Akkuża bin-numru 14 ta'l-2018 kontra Jonathan Roger Portelli detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 32782(M) akkużat:

i. Fl-Ewwel Kap talli nhar l-għaxra (10) t'Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u fix-xhur ta' qabel, ġewwa dawn il-Gzejjer, ipproduċa, biegħ jew xort'oħra ttraffika fir-raża meħuda mill-pjanta Kannabis jew f'xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-raża meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet

ta' Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizżat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

ii. Fit-Tieni Kap talli nhar l-għaxra (10) t'Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u fix-xhur ta' qabel, ġewwa dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tiegħu ir-raża meħuda mill-pjanta Kannabis meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u taħt tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-użu esklussiv tiegħu.

iii. Fit-Tielet Kap talli nhar l-għaxra (10) t'Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u fix-xhur ta' qabel, ġewwa dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tiegħu (ħlief fil-kors ta' transitu minn Malta jew mill-ibħra territorjali tagħha), il-pjanta Kannabis kollha jew biċċa minnha, jew ir-raża meħuda minnha, jew preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, u dan meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtorizżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija.

**2.** Rat n-nota ta'l-eċċezzjonijiet ta' Jonathan Roger Portelli ppreżentata fit-28 ta' Settembru 2018 fejn eċċepixxa:

"i. Illi fl-ewwel lok, l-inammissibilita' tal-istqarrijiet rilaxxjati mill-esponenti u esebiti f'dawn l-atti bhala Dok F(a folio 13) u Dak G (a folio 15) stante li l-mod kif ittiehdu huwa leziv tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

ii. Illi fit-tieni lok, l-inammissibilta' tat-traskrizzjoni tax-xhieda tal-Ispizjar Godwin Sammut esebita a folio 340 *et seq* u tar-relazzjonijiet mmarkati bhala Dok GS1 (a folio 343) u Dok CB2 (a folio 375) stante li minn imkien ma jirrizulta li l-Ispizjar Godwin Sammut ingħata xi inkarigu jew ġie nominat fl-atti ta' dawn il-proċeduri jew li ddepona skond kif jipprovdi l-Artikolu 646 tal-Kap 9."

**3**. Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-5 t'Ottubru 2018 (fol 19) fis-sensi tal-artikolu 438(3) tal-Kodiċi Kriminali li biha rrileva li tlieta mix-xhieda indikati huma rikjesti għal-fini ta' piena f'każ li tinsab ħtija filwaqt illi ssollevat l-inammissibilita' tax-xhieda ta' rappreżentant tal-Caritas/Sedqa u Oasi biex jixhdu dwar Joseph Grech u Christopher Bartolo.

**4**. Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-23 ta' Settembru 2020 li permezz tagħha:

1. laqgħet l-eċċezzjonijiet sollevati mill-akkużat fin-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu tat-28 ta' Settembru, 2018 dwar l-istqarrijiet tiegħu u dwar l-inammissibilita' tad-dokumenti konsistenti f'kopji ta' żewġ relazzjonijiet tal-Ispiżjar Godwin Sammut u t-traskrizzjoni tax-xhieda tal-ispiżjar Godwin Sammut; u
2. ċaħdet l-eċċezzjoni sollevata mill-Avukat Ġenerali fin-nota tiegħu tal-5 t'Ottubru, 2018 dwar l-inammissibilita' ta' uħud mix-xhieda ndikati mill-akkużat fin-nota tal-eċċezzjonijet tiegħu**.**

**5.** Rat ir-rikors ta'l-appell mressaq mill-Avukat Ġenerali fl-24 ta' Settembru 2020 u dan limitatament a rigward l-ewwel eċċezzjoni mressqa mid-difiża, u filwaqt ukoll li għamel referenza għal provi kumpilati u għall-atti tal-kawża talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

i) tikkonfermaha f'dik il-parti fejn laqgħet l-eċċezzjoni dwar l-inammissibilita' tad-dokumenti konsistenti f'kopji ta' żewġ relazzjonijiet tal-ispiżjar Godwin Sammut u t-traskrizzjoni tax-xiehda tal-ispiżjar Godwin Sammut; u

ii) tikkonfermaha ukoll f'dik il-parti fejn ċaħdet l-eċċezzjoni sollevata mill-Avukat Ġenerali a rigward l-inammissibilita'ta' uħud mix-xhieda ndikati mill-akkużat; u
iii) tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn laqgħat l-eċċezzjoni dwar l-istqarrijiet u ordnat l-isfilz tal-istess kif ukoll dik il-parti fejn iddikjarat li ma ssir l-ebda referenza għall-kontenut ta'l-istess stqarrijiet u sussegwentement tgħaddi sabiex tiddisponi mill-materja in kwistjoni skond il-liġi u dana fl-aħjar interess u għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.

**6**. Rat ir-risposta tal-akkużat Jonathan Roger Portelli tas-16 ta' Ottubru 2020 fejn issottometta li fid-dawl tal-iżvilupp u l-evoluzzjoni tal-ġurisprudenza li jkun aktar għaqli u opportun li s-sentenza appellata tiġi ikkonfermata.

**7.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

**8.** Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

**9**. Illi l-appell ta'l-Avukat Ġenerali huwa dirett unikament lejn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ġiet milqugħa l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-appellat fin-nota ta'l-eċċezzjonijiet preliminari. Illi għalhekk fl-uniku aggravju minnu ntentat l-Avukat Ġenerali jitlob lill-Qorti sabiex tqies il-valur probatorju ta' stqarrija rilaxxata mill-persuna akkużata u dan għal motiv uniku illi din ma kellhiex avukat preżenti magħha waqt l-interrogatorju sabiex joffrilha dik l-assistenza meħtieġa filwaqt li potenzjalment jistgħu isiru dikjarazzjonijiet inkriminatorji u li sussegwentement jintużaw bħala prova fil-proċess kriminali istitwit kontriha. Illi huwa fatt inkontestat illi l-akkużat Jonathan Roger Portelli rrilaxxa żewġ stqarrijiet lill-pulizija investigattiva fl-10 ta' Ottubru 2013 u l-għada il-11 ta' Ottubru 2013 u dan wara illi kkonsulta mal-avukat tal-fiduċja tiegħu Dr. Joshua Grech. L-akkużat xortawaħda, madanakollu, jqies illi dawn l-istqarrijiet hekk rilaxxati mingħajr il-garanziji kollha li llum il-ġurnata tipprovdi l-liġi ma għandhom

ikollhom ebda valur probatorju u dan għaliex jista' jiġi mittiefes il-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq.

**10**. Illi l-Ewwel Qorti għoġobha tilqa' din l-eċċezzjoni u dan meta ddikjarat din il-prova li bi ħsiebu iressaq l-Avukat Ġenerali bħala waħda inammissibbli u dan minħabba l-fatt illi meta saru dawn l-istqarrijiet mill-akkużat, li jistgħu jkunu nkriminatorji, huwa ma kellux konsulent legali preżenti miegħu biex jassistieh. Fir-raġunament tagħha, l-Ewwel Qorti tillanja minn nuqqas ta' ċertezza legali li l-qrati domestiċi kellhom jirrinfaċċjaw rigward il-*quid iuris* dwar il-valur probatorju ta' stqarrijiet tal-akkużat meħuda mingħajr il-presenza ta'l-avukat, biex b'hekk dawn mhumiex konformi mal-liġi viġenti llum wara it-trasposizzjoni tad-Direttiva 2013/48/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill datata 22 ta' Ottubru 2013 fid-dritt lokali u dan permezz ta'l-Att LI tal-2016. Illi din il-Qorti taqbel mal-oġġezzjoni imqanqla mill-Ewwel Qorti għas-sitwazzjoni fluwida li teżisti rigwardanti il-valur probatorju ta' dawn l-istqarrijiet miksuba mingħajr l-presenza ta' avukat. Tassew illi kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropeja jippreżentaw pronunzjamenti li jistgħu jidhru kemmxejn konfliġġenti. U kien għalhekk illi l-Qorti Kriminali laqgħet din l-eċċezzjoni billi dehrilha illi hemm din l-inċertezza legali li għandha timmilita favur l-akkużat u ukoll għaliex kienet tal-fehma li ma kienx il-kompitu tagħha li tissindika il-kwalità u in-natura tal-prova skont it-test stabbilit mill-QEDB. Stqarret hekk il-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha:

> **"... Fil-kaz odjern certament li hemm incertezza pregudizzjali konsistenti filli l-akkuzat huwa, ossia kien, sa certu punt konfortat mill-gurisprudenza sia lokali kif ukoll dik tal-Qorti ta' Strassbourg li sserrahlu rasu li l-istqarrijiet tieghu ma kienux ser jintuzaw fis-smiegh tal-kawza u issa rinfaccjat b'sitwazzjoni fejn dan kollu jista' jkun rovexxjat proprju qabel is-smiegh tal-guri. Fis-sottomissjonijiet tieghu quddiem din il-Qorti dwar dan l-eccezzjoni pre r-rikors b'urgenza, l-abbli Avukat Generali ssottometta hekk: "*Jiena ghalija minn naha tieghi anke quddiem din il-Qorti diversament presjeduta ovvjament il-gurisprudenza hi li hi, jigifieri ahna naqblu li jigu skartati u kwalunkwe referenza ghalihom ma ssirx, biex anka din il-Qorti ma toqghodx tiehu l-izbriga taghti sentenza dwarha*".**

**8. Fiz-zmien li fih inghataw dan iz-zewg stqarrijiet, l-unika tebgha fil-fedina penali tieghu, jekk din kellha tittiehed in konsiderazzjoni skond is-sentenza Farrugia, kienet dwar xi dizgwid fi ground tal-futbol ghaxar snin qabel. Inoltre, meta jitqies il-kliem pezanti li bih l-akkuzat inghata l-kawtela mill-ufficcjal investigatur lil persuna li ma jidhirx li qatt kienet arrestata precedentement li kellu jkun eżerċitat parti mit-test ravvizat fis-sentenza Farrugia, hija l-fehma ta' din il-Qorti li z-zewg stqarrijiet tal-akkuzat ghandhom ikunu skartati. Il-Qorti tistqarr li thossha xi ftit reluttanti li kieku kellha tissindika l-kwalita' tal-prova kif ukoll jekk l-istqarrijiet humhiex l-unika prova kif mitlub fit-test emergenti minn Farrugia vs Malta."**

**11**. Illi l-appellant Avukat Ġenerali ħassu aggravat minn dan il-pronunzjament ta'l-Ewwel Qorti u dan għaliex fil-fehma tiegħu l-iżvilupp fil-liġi u l-ġurisprudenza li jirregola l-materja tal-vjolazzjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq meta dikjarazzjonijiet jiġu magħmula minn persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat mingħajr id-dritt li jkun assistit minn avukat, u li tagħmel referenza għalih l-Ewwel Qorti fid-deċiżjoni tagħha, jindika bil-kontra u ċioe' illi sakemm il-proċess ġudizzjarju ma jkunx wasal fit-tmiem tiegħu ma huwiex possibbli jiġi stabbilit jekk tkunx seħħet dik il-leżjoni. Dan għaliex għandu isir eżami tal-proċess ġudizzjarju fit-totalita' tiegħu u huwa biss minn din l-ottika li jista' jiġi stabbilit jekk dik il-leżjoni tkunx avverat ruħha. Jisħaq l-Avukat Ġenerali illi l-istqarrija ġiet rilaxxata skont il-liġi viġenti f'dak iż-żmien u kwindi ma jistax jitqies li m'għandhiex valur probatorju fit-termini ta'l-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali.

**12**. Illi l-Qorti tistqarr minnufih u mingħajr tlaqliq illi l-Avukat Ġenerali għandu raġun fil-lanjanza minnu miġjuba 'il quddiem. Dan għaliex huwa id-dmir ta' din il-Qorti illi tfassal dawk ir-regoli, jew aħjar linji gwida, li għandhom jiġu segwiti fejn il-liġi hija siekta jew konfliġġenti u dan sabiex ikun hemm dik iċ-ċertezza legali li l-persuna akkużata tkun qed tfittex u li għandha dritt għaliha. Illi jibda biex jingħad, kif diversi drabi affermat mill-qrati fir-rigward tal-principju regolatur dwar l-ammissibilita' ta'prova fil-proċess penali, illi prova ma titqiesx li hija inammissibbli sakemm ma jkunx hemm xi dispożizzjoni espressa tal-liġi li tipprekludi l-ammissjoni ta' dik il-prova. Illi

għalkemm l-appellat jistieden lil din il-Qorti tqies l-ilment minnu ventilat mill-ottika tal-proċess ġudizzjarju penali u mhux minn dak ta' natura kostituzzjonali, madanakollu imbagħad ma jinvoka ebda regola tal-liġi penali li teskludi l-produċibilita' tal-istess stqarrija, iżda jistrieħ unikament fuq il-premessi fuq indikati u jinsisti li qiegħed ifittex r-rimedju ordinarju għal lanjanza puramentta' natura kostituzzjonali. Fil-fatt saħansitra fir-risposta tiegħu għal dan l-appell l-appellat stess jirrileva illi l-isfilz ta' din il-prova għandha issir unikament għaliex ikun għaqli u opportun fid-dawl tal-iżviluppi ġurisprudenzjali u mhux għaliex il-prova ma hijiex konformi mal-liġi.

**13.** Illi huwa ndubitat illi fir-rigward ta' stqarrijiet u dikjarazzjonijiet miksuba waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija tal-persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat, iżda li għadha ma ġietx mixlija l-Qorti, dawn l-istqarrijiet u dikjarazzjonijiet ġaladarba jikkostitwixxu prova fil-proċess penali, għandhom jittieħdu skont il-liġi. Huma l-istqarrijiet jew dikjarazzjonijiet hekk imsejjħa *'pre-trial'*, miksuba bi vjolazzjoni ta' dritt li għandhom jiġu skartati billi nieqsa minn kwalunkwe valur probatorju. Din ir-regola hija riflessa, kif tajjeb jindika l-Avukat Ġenerali, fl-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali[1].

**14**. Illi l-pożizzjoni ta' dritt li tirregola it-teħid ta' stqarrijiet u dikjarazzjonijiet mis-suspettat taħt id-dritt penali nostran ra żviluppi sostanzjali fis-snin reċenti. Illi fiż-żmien meta l-akkużat ġie arrestat u interrogat lura fis-sena 2013, huwa ma kellux il-jedd li jkollu l-avukat preżenti miegħu matul it-teħid tal-istqarrija u dan għaliex, kif ingħad, dan il-bdil għal Kodiċi Kriminali kien konsegwenza ta' trasposizzjoni fil-liġi tagħna ta' dak imfassal fid-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt tal-aċċess għal avukat fi proċeduri kriminali u fi proċeduri tal-mandat ta' arrest Ewropew, bdil allura li seħħ fiż-żmien wara li l-akkużat kien ġie interrogat. Illi fiż-żmien meta ġiet rilaxxata l-istqarrija mill-appellat kien hemm dritt,

---

[1]Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, kemm bil-miktub,b'mezzi awdjoviżwali jew b'mezzi oħra, tista' tittieħed bi prova kontra jew favur min, skont kif ikun il-każ, ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.

għalkemm wieħed iktar ristrett, tal-persuna suspettata biex tikkonferixxi mal-avukat tal-fiduċja tagħha fil-ħin preċedenti l-interrogatorju mill-pulizija. Dan id-dritt ġie lilu konċess u l-appellat użufruwixxa minnu, biex b'hekk l-istqarrija sussegwentement rilaxxata, hija in konformita' mal-liġi viġenti f'dak iż-żmien. Di fatti, l-leġislatur fl-artikolu l-ġdid maħluq bl-Att III tal-2002 ħaseb sabiex ***"il-persuna li tkun arrestata u qed tinżamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f'xi Għassa jew f'xi post ieħor ta' detenzjoni awtorizzata għandha, jekk hija hekk titlob, titħalla kemm jista' jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat u prokuratur legali, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal mhux aktar minn siegħa żmien. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tiġi interrogata, l-persuna taħt kustodja għandha titgħarraf mill-Pulizija bid-drittijiet li għandha taħt dan is-sub-artikolu."*** Għalhekk inħolqot sitwazzjoni ġdida għar-rigward tal-istqarrijiet li ġew rilaxxati mid-data li nġiebu fis-seħħ dawk l-emendi 'l quddiem, sitwazzjoni, kif ingħad, fejn ingħata il-jedd tal-parir legali qabel l-interrogatorju. Illum fid-dawl tal-iżviluppi legali u ġurisprudenzjali, madanakollu, ma jistax jiġi ritenut li dwar dawn l-istqarrijiet tapplika xi regola esklużjonarja ta' dritt penali proċedurali li tirrendi dawk l-istqarrijiet inammissibbli, għaliex dawn kienu konformi mal-liġi penali viġenti fiż-żmien relevanti.

**15**. Illi d-deċiżjoni mogħtija mill-Sezzjonijiet Maghquda tal-Qorti Ewropea fil-każ *Philippe Beuze vs il-Belġju* (71409/10) deċiża fid-09 ta' Novembru 2018 reġgħet qalbet ċerti kriterji imfassla fid-deċiżjoni ta' *Salduz* u oħrajn, u dan għalkemm sabet li f'dan il-każ kienet seħħet vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Illi f'din id-deċiżjoni il-Qorti Ewropea reġgħet adottat il-kriterju tal-"*overall fairness of the proceedings*" sabiex jiġi mistħarreġ jekk seħħitx xi leżjoni għad-dritt tas-smigħ xieraq, u dan wara li jiġi superat l-ewwel test u cioe' jekk kienx hemm xi raġunijiet impellenti li wasslu sabiex id-dritt għall-assistenza legali jiġi miċħud. Dawn il-kriterji jew linji gwida baqgħu jiġu segwiti fid-deċiżjonijiet li segwew in materja, inkluż allura il-każ li laqgħat lil pajjiżna *Farrugia vs Malta*, deċiżjonijiet li l-Ewwel Qorti tagħmel referenza ampja għalihom fis-sentenza appellata u li l-Avukat Ġenerali jinvoka sabiex isaħħaħ l-lanjanza tiegħu.

**"441. When examining the proceedings as a whole, the following non-exhaustive list of factors should, where appropriate, be taken into account (Ibrahim and Others v. the United Kingdom [GC], § 274; Beuze v. Belgium [GC], § 150; Sitnevskiy and Chaykovskiy v. Ukraine, §§ 78-80):**
**▪ Whether the applicant was particularly vulnerable, for example, by reason of his age or mental capacity;**
**▪ The legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with; where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;**
**▪ Whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;**
**▪ The quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;**
**▪ Where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;**
**▪ In the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;**
**▪ The use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;**
**▪ Whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay jurors, and in the case of the latter the content of any jury directions;**
**▪ The weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue;**
**▪ Other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.**[2]

**16**. Illi allura din il-Qorti, fid-dawl tal-pronunzjament surriferit tal-Qorti Ewropea, ma tistax *a priori* tiskarta stqarrija ta' persuna li tkun ingħatat l-jedd tikkonsulta ma' avukat qabel ma tiġi interrogata, iżda fejn l-avukat tagħha ma kienx preżenti filwaqt tal-interrogazzjoni, u dan għaliex allegatament jista' jkun hemm leżjoni potenzjali tad-dritt tagħha għal smiegħ xieraq. Dan għaliex, kif mistqarr f'dan il-pronunzjament, kull każ irid jitqies għalih billi jiġi mistħarreġ f'kull każ individwalment jekk bil-fatt illi l-persuna akkużata ma kellhiex l-avukat preżenti waqt it-teħid tal-istqarrija, għalkemm

[2] https://www.echr.coe.int/documents/guide_art_6_criminal_eng.pdf

dik il-persuna tkun kisbet parir legali jew għall-inqas ingħatat il-jedd li jkollha dak il-parir, dan setax impinġa fuq is-smiegħ xieraq iktar 'il quddiem tul il-proċeduri penali istitwiti kontra tagħha. F'każ konsimili ġie deċiż mill-Qorti Ewropea illi ma kienet seħħet ebda leżjoni taħt l-artikolu 6:

> **"In Doyle v. Ireland the applicant was allowed to be represented by a lawyer but his lawyer was not permitted in the police interview as a result of the relevant police practice applied at the time. The Court found no violation of Article 6 §§ 1 and 3 (c) of the Convention. It considered that, notwithstanding the impugned restriction on the applicant's right of access to a lawyer during the police questioning, the overall fairness of the proceedings had not been irretrievably prejudiced. In particular, it laid emphasis on the following facts: the applicant had been able to consult his lawyer; he was not particularly vulnerable; he had been able to challenge the admissibility of evidence and to oppose its use; the circumstances of the case had been extensively considered by the domestic courts; the applicant's conviction had been supported by significant independent evidence; the trial judge had given proper instructions to the jury; sound public-interest considerations had justified prosecuting the applicant; and there had been important procedural safeguards, namely all police interviews had been recorded on video and made available to the judges and the jury and, while not physically present, the applicant's lawyer had the possibility, which he used, to interrupt the interview to further consult with his client.**
>
> **429. In addition, the Court has indicated that account must be taken, on a case-by-case basis, in assessing the overall fairness of proceedings, of the whole range of services specifically associated with legal assistance: discussion of the case, organisation of the defence, collection of exculpatory evidence, preparation for questioning, support for an accused in distress, and verification of the conditions of detention (Ibid., § 136).[3]"**

17. Dan magħdud, madanakollu, il-Qorti hija wkoll tal-fehma illi f'dan l-istadju bikri tal-proċeduri fejn il-proċess penali għad irid jinstema' mill-qorti kompetenti ma jistax jingħad jekk il-kriterji indikati fil-kaz *Beuze* ġewx segwiti. Ukoll għaliex la din il-Qorti u lanqas il-Qorti Kriminali qabilha ma għandhom funzjonijiet kostituzzjonali u allura ma għandhomx il-poter jistħarrġu f'dan l-istadju, jekk tkunx seħħet xi vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-persuna akkużata jew jekk potenzjalment dan jistax iseħħ,

---

[3] *Ibid*

iktar u iktar f'dik is-sitwazzjoni fejn l-assistenza legali tkun ġiet mogħtija skont il-kriterji previsti mill-Liġi viġenti fiż-żmien rilevanti, u b'mod partikolari meta l-ġudikabbli jkun għamel użu minn dak id-dritt billi jkun kiseb dik l-assistenza legali qabel ma jkun irrilaxxja xi stqarrijiet lill-investigaturi. Ma tistax il-Qorti ta' kompetenza penali tiddeċiedi *a priori* illi tiskarta prova li f'dan l-istadju għadna valur probatorju, <u>bil-fatt waħdu</u> illi fiż-żmien li l-persuna akkużata tkun ġiet interrogata ma kellhiex il-jedd ikollha l-avukat preżenti magħha waqt it-teħid tal-istqarrija. Dan għaliex skont l-imsemmija pronunzjamenti dan n-nuqqas ma jwassalx awtomatikament għal leżjoni tal-jedd tagħha għal smiegħ xieraq, meta l-Qorti Ewropea issa qed tidderieġi il-qrati domestiċi jindagaw jekk il-proċeduri fl-intier tagħhom kienux ġusti fil-konfront tal-akkużat, bit-test allura li jrid jiġi segwiet fuq iż-żewġ binarji surriferiti. Kif ukoll minħabba l-fatt li l-jedd tal-assistenza legali matul l-interrogatorju kienet estensjoni tad-definizzjoni tal-jedd tal-assistenza legali li ma kienetx teżisti fiż-żmien meta l-akkużat kien ġie miżmum u mitkellem mill-Pulizija u b'hekk dik l-estensjoni tal-jedd tal-assistenza legali ma kienetx għadha parti mid-definizzjoni tal-jedd tal-assistenza legali viġenti fil-Liġi Maltija u li ġiet offruta u użufruwita mill-akkużat f'dan il-każ. Din l-amplifikazzjoni tal-jedd tal-assistenza legali li allura ġiet tinkludi l-possibilita tal-assistenza legali anke matul ir-rilaxx ta' stqarrijiet mill-persuna indagata ġiet fis-seħħ wara li l-akkużat f'dan il-każ kien ġie interrogat. Ma kienx possibbli għalih li jingħata dak il-livell t'assistenza legali mhux għax il-Pulizija ċaħditu minnu, iżda għaliex il-Liġi regolanti l-assistenza legali dak iż-żmien ma kienx tipprevediha. Din il-Qorti ma tistax tqis li dawn l-istqarrijiet huma inammissibbli bħala prova fi proċeduri kriminali minħabba l-fatt li fiż-żmien li fihom ingħataw il-jedd għall-assistenza legali viġenti ma kienx **<u>ukoll</u>** jinkludi l-assistenza legali matul l-interrogatorju – inklużjoni fl-estensjoni tad-dritt tal-assistenza legali li daħlet fis-seħħ snin wara. Din id-distinzjoni per se mhix raġuni skont il-Liġi penali Maltija li twassal għall-esklużjoni tal-istqarrijiet *de quo* milli jservu ta' prova fil-proċeduri penali. Apparti minn hekk, kif diġa intqal, l-akkużat kien mogħti dak il-jedd tal-assistenza legali skont il-Liġi viġenti fiż-żmien rilevanti u hu

aċċetta dan il-jedd u għamel użu minnu billi qabel ma rrilaxxja l-istqarrijiet tiegħu ħa l-pariri legali li kellu jieħu.

**18**. Illi din il-Qorti għalhekk ma tistax taqbel mal-fehma tal-Qorti Kriminali illi hija ma għandhiex il-poteri tissindika il-validità tal-istqarrija rilaxxata mill-persuna akkużata u dan għaliex huwa biss mill-provi li hemm fl-atti kumpilatorji u dawk li jistgħu jemerġu waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri li jista' jiġi stabbilit jekk il-kriterji stabbiliti fid-deċiżjoni *Beuze* ġewx imħaddna, u allura jekk bil-fatt illi l-appellat ma kellux avukat preżenti miegħu meta ġew rilaxxati l-istqarrijiet tiegħu setax vvizja dik il-prova mill-aspett tad-dritt penali.

19**.** Illi minn eżami li għamlet din il-Qorti tal-atti kumpilatorji jemerġi illi l-appellat qiegħed jiġi mixli bit-traffikar u l-pussess aggravat tar-raża meħuda mill-pjanta kannabis. Meta jiġi interrogat f'żewġ okkażjonijiet separati huwa jiċħad dawn l-akkużi u għalkemm jammetti illi huwa jabbuża mid-droga, madanakollu huwa jindika lill-investigaturi l-persuni li minn għandhom jakkwista id-droga. Jiċħad iżda illi huwa qatt biegħ jew ttraffika d-droga jew li kien fil-pussess ta' kwantità kbira ta' droga għal dawn l-iskopijiet. Fil-fatt fil-pussess tal-appellat jinstab ammont negliġibbli ta' droga u ċioe' ftit grammi. Madanakollu mill-atti kumpilatorji jidher illi hemm żewġ persuni, li huma indikati bħala xhieda mill-Avukat Ġenerali fil-lista tax-xhieda annessa mal-Att ta'l-Akkuża li ser jiddeponu u li stqarru mal-investigaturi li allegatament huma kienu jakkwistaw id-droga minn għand l-appellat. In oltre sa dan l-istadju tal-proċeduri għallinqas għad ma hemm ebda prova li l-appellat kien xi persuna vulnerabbli jew li ma setax jifhem in-natura tal-akkużi li kienu qed jiġu lilu addebitati waqt li kien qed jiġi interrogat, tant illi huwa saħansitra kiseb parir legali**.** U għalkemm ħadd ħlief l-akkużat u l-avukat li miegħu ikkonferixxa ma jkunu jafu x'parir ingħata l-akkużat qabel ma huwa jkun irrilaxxja l-istqarrijiet tiegħu, bil-fatt li hu fittex u ingħata dik l-assistenza legali, huwa raġonevolment mistenni li l-akkużat jkun ġie avżat u spjegat lilu kemm b'dak li huwa jkun qiegħed jiġi suspettat, bil-konsegwenzi mnissla minn dawk is-

suspetti dwaru, kif ukoll armat bil-parir legali dwar kif għandu jimxi minn hemm il-quddiem. Fi ftit kliem wara li jkun ħa l-pariri legali ma jistax raġonevolment jitqies li jkun (għadu jew baqa') daqstant vulnerabbli minħabba li jkun fl-oskur għar-rigward ta' dak li jkun qed jiġi suspettat li wettaq, injar mill-konsegwenzi mnissla minn dak is-suspett, u b'hekk bla informazzjoni u bla għajnuna jew indifiż f'dak il-kuntest investigattiv. Naturalment kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari. Dan apparti l-fatt illi, kif ingħad, l-istqarrijiet ta'l-appellat mhumiex l-uniku prova li l-prosekuzzjoni bi ħsiebha tressaq matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri.

**20**. Illi mfassal dan il-kwadru li jemerġi mill-atti kkumpilati finalment:

> **"Hu fuq l-Istat l-obbligu li jagħti prova li fil-proċess kriminali kien hemm *overall fairness*. F'dan il-każ m'huwiex possibbli li jsir għal kollox l-eżerċizzju li ssemma fil-każ ta' *Beuze* għaliex s'issa l-ġuri għadu ma sarx.[4]**

Dan ghaliex:

> **... dwar dan il-każ għad irid isir il-ġuri. Għalhekk huma l-ġurati li ser jiddeċiedu jekk l-appellant huwiex ħati tal-akkużi li hemm kontrih. Madankollu, ser ikun l-imħallef li fl-indirizz li jrid jagħmel lill-ġurati ser jiġbor ix-xiehda tax-xhieda u l-provi li jkunu marbutin magħhom, kif ukoll ifisser ix-xorta u l-elementi tar-reati rilevanti għall-każ. Hu l-imħallef li jagħmel ".... kull osservazzjoni oħra li tiswa biex trieġi u turi lill-ġuri kif għandu jaqdi sewwa d-dmirijiet tiegħu" (Artikolu 465 tal-Kap. 9).[5]**

**21.** Illi l-Qorti tistqarr illi hija konsapevoli tal-pronunzjamenti reċenti li ġew mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenzi tas-27 ta' Jannar 2021 fejn ingħatat direzzjoni lil Qorti Kriminali sabiex ma tqisx bħala prova stqarrijiet li jkunu ġew rilaxxati mingħajr id-dritt tal-assistenza legali billi jinsorġi l-periklu li jkun hemm difett proċedurali jekk jinstab illi dawn jilledu id-dritt tal-persuna akkużata għal smiegħ xieraq.[6] Hija konsapevoli wkoll ta' pronunzjamenti oħra, b'wieħed aktar recenti,[7] fejn il-Qorti

---

[4] Kost: Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello – 27 ta' Marzu 2020
[5] *Ibid*
[6] Clive Dimech vs Avukat Generali, The Police vs Alexander Hickey, Morgan Onuorah vs l-Avukat ta'l-Istat
[7] Micallef Briegel vs Avukat Ġenerali Kost. 30/06/2021

Kostituzzjonali kienet tal-fehma kuntrarja,[8] u għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma, meta tinsab mogħnija bil-provi kkumpilati u mingħajr ma tinoltra ruħha f'indaġini dwar il-mertu, li kull każ jimmerita indaġini għalih innfisu sabiex jiġi mistħarreġ jekk teżistix il-biża' li fil-proċess ġudizzarju il-persuna akkużata issofri nuqqas ta' smigħ xieraq bl-ammissjoni bħala prova ta' stqarrija li b'xi mod tista' tkun waħda mittiefsa minn xi difett mhux sanabbli anke meta wieħed jiehu in konsiderazzjoni "*the overall fairness of the proceedings*". Illi l-Qorti Kostituzzjonali stess fil-pronunzjamenti kollha minnha magħmula stqarret ċar u tond illi kien prematur f'dan l-istadju tal-proċeduri tiddikjara illi kienet seħħet leżjoni billi l-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu kien għadu ma ġiex konkluż, għalkemm f'uħud mill-kazijiet tat direzzjoni lil Qorti Kriminali sabiex tisfilza il-prova ta'l-istqarrija, izda dan sar aktar bhala forma ta' rimedju prekawzjonarju minhabba xi leżjoni potenzjali, u mhux għax fil-fatt kienet seħħet dik il-leżjoni lamentata. Illi din il-Qorti fil-kompetenza tagħha ta' natura penali, madanakollu, ma tistax tagħti din id-direzzjoni lil Qorti Kriminali u dan għaliex kif ingħad l-imsemmija prova mhijiex nieqsa mill-valur probatorju tagħha ġaladarba ma hemm ebda regola ta' dritt penali li qed teskludi l-ammissjoni ta'l-istess u ġaladarba ukoll il-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu għadu ma seħħx biex b'hekk lanqas jista' jiġi stabbilit f'dan l-istadju bikri jekk kienx hemm xi vjolazzjoni tal-persuna akkużata tad-drittijiet kostituzzjonali tagħha, jew jekk potenzjalment dan jistax iseħħ. Dan ifisser għalhekk illi f'dan l-istadju tal-proċeduri ebda prova oħra marbuta ma' din l-istqarrija ma għandha tiġi estromessa mill-att.

**22.** Għaldaqstant magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, l-aggravju sollevat mill-Avukat Ġenerali jistħoqqlu akkoljiment b'dan illi fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, wara li jinstemgħu il-provi kollha, fl-indirizz finali, l-Imħallef togat għandu jagħti dik id-direzzjoni opportuna lil ġurati dwar il-valur probatorju ta'l-istqarrijiet rilaxxati mill-akkużat jekk jirrizulta illi dawn ma ttieħdux skont il-liġi, jew jekk javveraw irwieħhom dawk iċ-ċirkostanzi elenkati fil-linji gwida stabbiliti fid-deċiżjoni *Beuze* hawn fuq

[8] Kost: Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello – 27 ta' Marzu 2020

iċċitata. **Fuq kollox, għall-appellat dejjem jibqa' id-dritt tiegħu li jitlob reviżjoni tal-verdett u s-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-eventwalita' li jkun hemm dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tiegħu, u dan sabiex b'hekk lanqas ma tista' teżisti il-biża ravviżata mill-Qorti Kostituzzjonali dwar in-nuqqas ta' motivazzjoni fil-verdett tal-ġurati li jwassal sabiex l-akkużat ma jkunx jaf jekk il-verdett ta' ħtija ikunx ġie imsejjes fuq il-prova magħmula permezz ta'l-istqarrija. Id-dritt tal-persuna akkużata għal appell huwa dritt kostituzzjonali tiegħu ukoll, u dan sabiex ikun garantit bis-sħiħ il-jedd tiegħu għal smiegħ xieraq.**

**23.** Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell ta'l-Avukat Ġenerali, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn laqgħet l-eċċezzjoni dwar l-inammissibilita' tad-dokumenti konsistenti f'kopji ta' żewġ relazzjonijiet tal-ispiżjar Godwin Sammut u t-traskrizzjoni tax-xiehda tal-ispiżjar Godwin Sammut; u tikkonfermaha ukoll f'dik il-parti fejn ċaħdet l-eċċezzjoni sollevata mill-Avukat Ġenerali a rigward l-inammissibilita'ta' uħud mix-xhieda ndikati mill-akkużat; tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn laqgħat l-eċċezzjoni dwar l-inammissibilita' bhala prova ta'l-istqarrijiet magħmula mill-akkużat tal-10 u l-11 ta' Ottubru 2013 u fejn ordnat l-isfilz tal-istess, u tiddikjara dawn l-istqarrijiet bhala ammissibbli b'dan illi l-Imhallef togat għandu jimxi mad-direzzjoni mogħtija f'din is-sentenza matul iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri u dan sabiex id-drittijiet kostituzzjonali tal-akkużat jibqgħu salvagwardati.

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Aaron Bugeja**